

Brussell, 3 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14682/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0129 (COD)**

**PI 191
PHARM 152
COMPET 1096
MI 853
IND 475
CODEC 1683**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 661 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzjar obbligatorju għall-ġestjoni tal-kriżijiet u li jemenda r-Regolament (KE) 816/2006

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 661 final.

Mehmuż: COM(2025) 661 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.10.2025
COM(2025) 661 final

2023/0129 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzjar obligatorju għall-ġestjoni tal-kriżijiet u li jemenda r-Regolament (KE) 816/2006

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzjar obligatorju għall-ġestjoni tal-kriżijiet u li jemenda r-Regolament (KE) 816/2006

1. KUNTEST

Id-data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2023) 224 final – 2023/0129COD):	is-27 ta' April 2023.
Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	l-20 ta' Settembru 2023.
Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:	it-13 ta' Marzu 2024.
Id-data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata:	Mhux applikabbli.
Id-data tal-adozzjoni mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-mandat tal-Kunsill għal negozjati interistituzzjonali:	is-26 ta' Ġunju 2024.
Id-data tal-ftehim proviżorju bejn il-koleġiżlaturi:	il-21 ta' Mejju 2025.
Id-data tal-konferma tat-test ta' kompromess finali tal-proposta mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti:	it-13 ta' Ġunju 2025.
Id-data tal-approvazzjoni tal-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali mill-Kumitat JURI tal-Parlament Ewropew:	l-24 ta' Ġunju 2025.
Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill, l-ewwel qari:	is-27 ta' Ottubru 2025.

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-għan ta' din il-proposta huwa li tipprovdi lis-Suq Intern bi skema ta' liċenzjar obligatorju effiċjenti għall-ġestjoni tal-kriżijiet. Għalhekk, l-inizjattiva għandha żewġ objettivi ewlenin. L-ewwel nett, l-għan tagħha hu li l-UE tkun tista' tiddependi fuq il-liċenzjar obligatorju matul il-kriżijiet skont ċerti strumenti tal-UE għall-kriżijiet. It-tieni, din tintroduċi skema ta' liċenzjar obligatorju effiċjenti, b'karatteristiċi u salvagwardji xierqa, biex tippermetti rispons rapidu u xieraq għall-kriżijiet, b'Suq Intern li jiffunzjona, li tiggarrantixxi l-provvista u l-moviment liberu ta' prodotti kritiċi għall-kriżijiet soġġetti għal liċenzjar obligatorju fis-suq intern.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill kif adottata fl-ewwel qari tirrifletti bis-sħiħ il-ftehim politiku li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-21 ta' Mejju 2025. Il-Kummissjoni tappoġġa dan il-ftehim. Il-punti ewlenin ta' dan il-ftehim, li huwa rifless fil-pożizzjoni tal-Kunsill, huma dawn li ġejjin:

Dwar id-divulgazzjoni ta' sigrieti kummerċjali: Huwa ċċarat li l-proposta ma timponi l-ebda obbligu li jiġu ddivulgati sigrieti kummerċjali, filwaqt li tirrikonoxxi l-possibbiltà ta' konklużjoni volontarja ta' ftehimiet dwar is-sigrieti kummerċjali.

Dwar il-kamp ta' applikazzjoni: Il-lista ta' strumenti għall-kriżijiet li jiskattaw l-iskema ta' liċenzjar obligatorju ma għadhiex tinkludi l-Att dwar iċ-Ċipep u r-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass. Il-prodotti relatati mad-difiża¹ issa huma espliċitament esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta. Għet inkluża klawżola ta' evalwazzjoni għal-lista ta' strumenti rilevanti għall-kriżijiet, bil-possibbiltà li jiġu vvalutati strumenti ġodda u eżistenti u b'referenza speċifika għas-semikondutturi għat-tagħmir mediku.

Żieda ta' kundizzjonijiet għall-għoti ta' liċenzja obligatorja: L-għoti ta' liċenzja obligatorja tal-Unjoni issa huwa soġġett għal erba' kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri (i) tkun għet iddikjarata modalità ta' kriżi jew ta' emerġenza, (ii) l-użu ta' invenzjoni protetta li tikkonċerna prodotti rilevanti għall-kriżijiet huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-provvista ta' dawk il-prodotti fl-Unjoni, (iii) mezzi għajr liċenzja obligatorja tal-Unjoni, inklużi ftehimiet volontarji, ma setgħux jinkisbu fi żmien raġonevoli u ma setgħux jiżguraw aċċess għall-prodotti, (iv) id-detentur tad-drittijiet ikkonċernat inġhata l-opportunità li jipprovdi kummenti lill-Kummissjoni u lill-korp konsultattiv kompetenti.

Bidliet fil-proċedura għall-għoti ta' liċenzja obligatorja: Ir-rwol tal-korp konsultattiv li jassisti u jagħti pariri lill-Kummissjoni jibqa' fil-bieċa l-kbira l-istess, għalkemm il-kompiti ġew ristrutturati u speċifikati aktar. B'mod partikolari, esperti minn uffiċċji tal-proprjetà intellettuali u awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-għoti ta' liċenzji obligatorji issa jeħtiġilhom ikunu involuti f'diskussjonijiet ta' korp konsultattiv dwar il-proprjetà intellettuali. Barra minn hekk, il-PE jista' jipparteċipa wkoll, bħala osservatur, fil-laqgħat rilevanti tal-korp konsultattiv kompetenti, inkluż il-korp konsultattiv *ad hoc*. Il-bidliet li saru fl-Artikolu 7 jinkludu referenza għal informazzjoni preliminari miġbura skont il-mekkaniżmu ta' kriżi jew ta' emerġenza rilevanti tal-Unjoni, li l-Kummissjoni għandha tqis meta tiddeċiedi jekk għandhiex tibda l-proċedura għall-għoti ta' liċenzja obligatorja tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-proċedura għandha tinbeda formalment billi jiġi ppubblikat avviż fuq is-sit web tal-Kummissjoni. Issa huwa ddikjarat li meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti liċenzja obligatorja tal-Unjoni titbiegħed mill-opinjoni tal-korp konsultattiv, din trid tindika r-raġunijiet għal dan. Barra minn hekk, meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tagħtix liċenzja obligatorja tal-Unjoni, irid jiġi ppubblikat avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* biex tingħata informazzjoni dwar it-tmiem tal-proċedura. Fl-aħħar nett, il-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet ta' liċenzjar volontarju fi kwalunkwe ħin matul jew wara l-proċedura għall-għoti ta' liċenzja obligatorja tal-Unjoni hija stabbilita b'mod espliċitu fit-test.

Dwar il-proċedura ta' kumitat: il-proċedura konsultattiva għet sostitwita mill-proċedura ta' eżami għall-atti ta' implimentazzjoni li jadottaw, jimmodifikaw u jtemmu liċenzja obligatorja tal-Unjoni. Għet inkluża klawżola ta' ebda opinjoni għall-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni. Għet miżjuda premessa li tiġġustifika l-użu tal-proċedura ta' eżami fid-dawl tal-ispirtu tar-Regolament dwar il-Proċedura ta' Kumitat.

¹ Kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/43/KE dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tappoġġa l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali u għalhekk tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.

5. DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni għamlet dikjarazzjoni unilaterali waħda, li tinsab fl-appendiċi.

APPENDIĊI

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Regolament 816/2006:

Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ir-Regolament 816/2006, f'konformità mal-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament.